*WIRT ARTISTIKU*

# L-EWWEL KNISJA TA' LORETO QABEL IL-PESTA TAL-1676

L-għan ta' din il-kitba hu li tingħata deskrizzjoni ta' l-ewwel knisja ddedikata lill-Verġni Mqaddsa ta' Loreto f'Malta u tal-popolarita' tagħha. Nibdew billi nagħtu daqqa ta' għajn ħafifa lejn is-Santwarju li jinsab fl-Italja, fil-post imsejjaħ Loreto, fejn bdiet din id-devozzjoni tant imferrxa mad-dinja.

Loreto, belt ċkejkna fl-Italja fuq in-naħa tal-Baħar Adrijatiku, hija msemmija għad-dar tal-Verġni Marija li, skond tradizzjoni, ġiet trasportata f'dan il-post mill-anġli. Id-dar fiha 9.52 metri b'4.10 metri u 4.30 metri għoli. Ħaġa li tolqot lil min iżurha hi li m'għandiex pedamenti.[1] Skond din it-tradizzjoni, id-dar tal-Verġni Mqaddsa f'Nazaret ġiet mibdula fi knisja mill-appostli. Meta l-Art Imqaddsa waqgħet f'idejn it-Torok għat-tmiem tas-seklu Tlettax l-anġli ġarrew din id-dar u poġġewha f'post fejn, sa ftit ilu, kienet il-Jugoslavja. Minn hemm, tkompli t-tradizzjoni, ġiet meħuda f'postijiet oħra u r-raba' darba l-anġli ħaduha f'Loreto fl-Italja.[2]

Din id-dar mill-antik kienet ċentru ta' pellegrinaġġi, talb u mirakli u nbniet knisja madwarha. Fis-seklu Ħmistax saret aktar u aktar popolari u l-Papa poġġiha taħt il-protezzjoni tiegħu fl-1484. Kienet iddikkjarata knisja kolleġġjata fl-1514. Il-fama tagħha kompliet tikber matul is-sekli Sittax u Sbatax. Fil-fatt, kienet l-aktar popolari fost is-santwarji tal-Madonna sakemm in-nies bdiet iżżur Lourdes.



*Dehra tal-Gudja minn fuq il-kampnar tal-Kappella tal-Madonna ta' Loreto*

Id-devozzjoni lejn il-Verġni Marija ta' Loreto kibret f'Malta wkoll. Meta ġew il-Kavallieri komplew ixerrduha. Il-Prijur ta' l-Alvernja, Umberto de Morines, jidher fi kwadru li hemm fil-knisja ddedikata lill-Verġni Mqaddsa ta' Loreto li tinsab qrib il-Gudja. Aktarx li kellu x'jaqsam mal-bini ta' l-ewwel kappella f'dan il-post. Il-Gran Mastri Nikola Cotoner u Girgor Carafa għenu fil-bini tat-tieni waħda wara l-1676. Fra Francesco de Corrori, ukoll membru tal-Ordni ta' San Ġwann, ħareġ il-flus kollha meħtieġa biex tinbena kappella ddedikata lil Marija ta' Loreto fi Knisja f' tal-Pjeta.[3]

Irridu nħarsu lejn il-qima lejn il-Verġni Mqaddsa ta' Loreto meqjuma fis-Santwarju tagħha ftit 'il barra mir-raħal antik tal-Gudja[4] f'dan l-isfond. Din il-knisja kienet tiġbed nies minn kull parti ta' Malta u d-devozzjoni lejha baqgħet qawwija għal sekli sħaħ.

Hemm xi aspetti ta' din il-knisja li jfakkruna f'dik ta' Loreto fl-Italja. Leġġenda tgħid illi kienu bdew jibnuha f'post ieħor, imma l-pedamenti ġew meħuda mirakolożament u mqiegħda fuq l-għolja kif narawha llum. Din il-leġġenda mill-ewwel tfakkarna f'dik tad-Dar ta' Nazaret trasferita mill-anġli. Id-Dar tal-Madonna kienet f'periklu ta' attakk mit-Torok kemm fil-Palestina, kif ukoll f'Loreto għax dawn iddominaw l-artijiet lejn il-Lvant tal-Adrijatiku. Dik tagħna nbniet bħala ringrazzjament wara vittorja kontra t-Torok. Skond il-leġġenda, il-milizzja lokali rnexxiela tegħleb grupp Torok li kienu qed jersqu lejn il-post.[5]

Ma nafux sewwa meta nbniet l-ewwel knisja f'dan il-post. Dik li hemm illum inbniet wara l-1676 u dik ta' qabilha

probabbli kienet l-ewwel waħda f' Malta. Bħal ħafna knejjes u kappelli oħra nsibuha msemmija fir-rapport li Monsinjur Pietru Dusina kiteb fl-1575.[6] Iżda f'dik is-sena din il-knisja kienet diġa' popolari u kienet tiġbed numru kbir ta' nies, aspett ieħor li jfakkarna fid-dar ta' Loreto. Monsinjur Dusina kiteb li nies minn Malta kollha kienu jżuruha u kienu jagħmlu ħafna wegħdi kif kienu jixhdu l-ħafna għotjiet fuq l-altar. Isemmi wkoll xbieha tal-Madonna mpittra fuq l-injam, xbieha li għadha teżisti sal-lum.[7] Iżda mill-*ex voto* baqa' ftit li xejn. Nhar ta' Sibt kien isir ħafna quddies offrut min-nies devoti tal-knisja.

Il-knisja kienet tirċievi ħafna għotjiet u għalhekk kienet armata tajjeb bi ħwejjeġ għall-funzjonijiet reliġjużi, tiżjin u kalċi. Dan fi żmien meta bosta knejjes kienu fi stat tant ħażin li Mons. Dusina ordna li jew jiġu msewwija jew ikunu profanati. Kellha wkoll sakristan li kien joqgħod f'dar żgħira qrib u li kien jieħu ħsieb l-abiti sagri. Fil-knisja l-qadima kien hemm żewġ altari fil-ġnub u mhux wieħed kif hemm illum. Il-Viżitatur Appostoliku ordna illi ma jsirux ċerimonji iżjed fuqhom, iżda ma ordnax li jiġu mneħħija kif soltu kien jagħmel.



*Il-kwadru l-antik tal-Kappella tal-Madonna ta' Loreto. Din hi pittura fuq l-injam u tirrappreżenta il-Madonna bil-Bambin, San Ġwann l-Għammiedi u Fra Inberto de Morines, li minnu oriġinat din il-kappella. Interessanti wkoll hija l-parti ta' fuq tal-kwadru, fejn insibu it-Tisliba ta' Kristu fin-nofs, u t-Tħabbira ta' l-Anġlu fil-ġnub. Il-kwadru hu ddatat bis-sena 1548.*

Fir-rapport insibu wkoll il-kumment illi s-sakristan kien jiftaħ u jagħlaq il-knisja, kumment li għall-ewwel jidher qisu bla bżonn. Iżda Mons. Dusina kien iqisha essenzjali li knisja tingħalaq sew biex ma jsirux affarijiet mhux xierqa fiha. F'dan il-każ hi ħaġa ċara li kien hemm bżonn ta' xi ħadd dejjem lest li jiftaħ u jerġa' jagħlaq meta jaslu xi nies biex iżuruha, għax in-nies kienu jaslu minn kull parti ta' Malta kuljum[8].

Monsinjur Cagliares[9] jagħti xi dettalji oħra interessanti. Il-knisja kellha żewġ bibien[10]. Il-pittura fuq l-injam hija deskritta bħala qadima: iġġib id-data 1548, jiġifieri kellha mas-sebgħa u sittin sena. Iż-żewġ altari tal-ġnub ma kinux qed jintużaw għaċ-ċerimonji, iżda biex jitpoġġew fuqhom l-abiti sagri. Kellha kurċifiss kbir mal-kanċell. L-altar kien qiegħed fil-għoli: kont trid titla' tliet tarġiet biex tilħqu u kien mifrud mill-bqija tal-knisja permezz ta' grada tal-injam. Dwar id-devozzjoni tan-nies insibu li dawn kienu jiltaqgħu nhar ta' Sibt[11] u ħafna *ex voto* kienu tax-xema'. Tissemma' wkoll qanpiena.

Fuq barra wkoll kellha x'jiġbdek. Kien hemm ċimiterju mdawwar b'ħajt minn kullimkien u bitħa jew zuntier[12] bil-kolonni. Kien hemm ukoll 'oratorju' ddedikat lil Marija Verġni[13].

L-Isqof Balaguer[14] kiteb li l-altar maġġur kien wiesa' u kbir. It-tliet tarġiet tal-altar kienu tal-ġebel. Il-grada li kienet tifred l-altar mill-bqija tal-knisja kellha serratura tal-ħadid u kienet tissakkar b'ċavetta. Il-lampier tan-nofs kien jinxtegħel nhar ta' Sibt fil-għaxija u fi granet ta' festa. Iċ-ċimiterju kien idawwar il-knisja minn kullimkien.

Mal-knisja, ikompli, kien hemm zuntier magħmul mill-ġebel li kien fih xi kolonni. F'dan iz-zuntier kien hemm kappella żgħira[15] b'artal b'ikona tal-Viżitazzjoni tal-Verġni Marija. Jgħid ukoll li din kienet suġġetta ħafna għall-irjieħ. Ta' min jinnota li dan l-altar ma kienx imsemmi fl-1575 u probabbli ġie mwaqqaf xi ftit wara. Fl-1600 insibu deskrizzjoni tiegħu. L-Isqof Tomaso Gargallo sab

li ħdejn il-Knisja, fuq in-naħa tal-lemin tal-bini, kien hemm altar intitulat lil Santa Marija tal-Viżitazzjoni fil-post minn fejn kont tidħol miċ-ċimiterju għal ġewwa l-knisja nnifisha. Meta staqsa lill-kappillan dwar kif ġie mwaqqaf dan l-altar u dwar xi dħul li seta' kellu, dan wieġbu li ma kellux dħul iżda fil-Festa tal-Viżitazzjoni kien jiġi kantat l-għasar, titqaddes quddiesa mill-kappillan stess u kien isir l-għasar tul l-ottava. Ma kienx magħruf min kien il-fundatur ta' dan l-altar, għalkemm milli jidher kien ilu hemm anqas minn ħamsa u għoxrin sena.[16]

Fuq l-altar maġġur tal-knisja kien hemm xbieha tal-Madonna ta' Loreto u statwa tal-Verġni Marija magħrufa bħala ta' Trapani. Quddiem il-grada tal-injam, li kienet miżbugħa b'diversi kuluri kien hemm inġinokkjatur tal-injam. Id-dar tas-sakristan kienet ċkejkna u kienet tinstab fiċ-ċimiterju.[17]

Nikkonkludu bil-festa. Din kienet issir fit-tmienja ta' Settembru, il-festa tat-Twelid tal-Beata Verġni Marija, dik li llum insejħulha l-Vitorja. Id-data tal-għaxra ta' Diċembru bħala l-festa tal-Madonna ta' Loreto daħlet ħafna wara li din il-knisja kienet inbniet. Kien fl-1637 illi l-knisja awtorizzat liturġija għat-Translazzjoni tad-Dar ta' Marija, fl-10 ta' Diċembru, u din kienet festa lokali għal Loreto fl-Italja. Għalhekk, fil-perjodu li l-knisja l-qadima kienet għadha wieqfa, il-festa dejjem kienet f'Settembru.

Kien isir l-ewwel għasar u quddiesa kantata nhar it-Tmienja ta' Settembru. Matul l-ottava kien ikun hemm l-għasar kuljum. Quddiesa oħra kienet issir nhar il-Viżitazzjoni. Ġiovanni Bonniċi mill-Gudja ħalla quddiesa kull xahar u Mattew Abela ħalla quddiesa fil-ġimgħa.

Din kienet l-ewwel Knisja ta' Loreto. Knisja żgħira imma miżmuma b'għożża kbira kemm min-nies komuni kif ukoll mill-kbarat għax fiha kienu jaraw il-protezzjoni tal-Verġni mbierka. L-ewwel kappella aktarx inbniet wara ħbit mit-Torok li għadda b'wiċċ il-ġid. It-tieni waħda ħadet postha wara t-tmiem tal-Pesta tal-biża' tal-1676. Madwar għaxar snin wara din l-epidemija insibu li din il-knisja kienet inbniet mill-ġdid u b'forma akbar minflok il-knisja żgħira u antika li kien hemm qabel. Din inbniet mid-donazzjonijiet. Il-Gran Mastru Carafa, li kien jaħkem f'dak iż-żmien, ta għalqa li ġiet mibjugħa għas-somma ta' madwar mitejn u sittin skud. Minn dan id-dħul il-knisja l-ġdida ġiet mibnija b'mod xieraq, forma ta' salib bil-koppla fin-nofs.[18] Hekk id-devozzjoni lejn il-Verġni Mqaddsa li kienet tara l-knisja l-antika kompliet fil-ġdida.

**PAUL FARRUGIA M.A.**

---

**Referenzi:**

[1]Il-kwadru antik fuq l-injam li jinsab ġewwa s-sakristija tal-knisja ddedikata lill-Verġni Marija ta' Loreto qrib il-Gudja juri xena tal-anġli qed iġorru din id-dar.

[2]Din it-tradizzjoni l-ewwel ma dehret fil-kitba kien fir-Rakkont ta' Pietro Giorgio Tolomei għall-ħabta tal-1472.

[3]V. Borġ, *Marian Devotions in the Islands of St Paul*, p. 195.

[4]Il-post insibuh imsejjaħ diversament Casal Cadi, Rahal Chadim, Rachal el Cadim u Rahal Chadiel.

[5]Il-knisja tinsab fuq għolja minn fejn tista' tara l-kampanja sal-baħar. Skond il-leġġenda l-Kavallier de Morines u l-milizzja tar-raħal kienu qed jgħassu fuq din l-għolja. Din il-leġġenda tagħmel sens għax setgħu jaraw l-għadu mill-bogħod, kienu f'pożizzjoni għolja u allura vantaġġjuża, u ma kinux bogħod mill-irħula tagħhom, imma bejn il-baħar u dawn l-irħula. Dak iż-żmien il-Parroċċa ta' Bir Mifuħ kienet għadha sħiħa u forsi mhux l-irġiel tal-Gudja biss kien hemm imma tal-irħula l-oħra wkoll.

[6]Pietro Dusina kien intbagħat mill-Papa wara tilwim li nqala' bejn il-Gran Mastru u l-Isqof ta' Malta. Fost dmirijiet oħra hu spezzjona l-knejjes kollha ta' Malta.

[7]Din kienet tinżamm fuq l-altar maġġur sas-sena 1693 meta saret waħda ġdida. Illum tinżamm fis-sakristija ta' l-istess knisja.

[8] Ara V.P. 1680.

[9] V.P. 1615.

[10]Il-bieb prinċipali kien iħares lejn il-punent, l-ieħor lejn it-tramuntana. V.P. 1673.

[11]Anke ħafna quddies kien jiġi offrut nhar ta' Sibt, kif rajna aktar 'il fuq.

[12]Jissejjaħ *vestibulo* jiġifieri bitħa li sservi bħala entratura. Banda oħra jissejjaħ *atrium* jiġifieri entrata ta' tempju, u fi lsien il-poplu kien jissejjaħ *loggia* jiġifieri post imsaqqaf imma miftuħ fil-ġenb.

[13]Dettalji oħra fuq dan mogħtija aktar 'l isfel.

[14]V.P. 1636.

[15]*Sacellum,* aktar 'il fuq imsejjaħ oratorju.

[16]Din id-devozzjoni kompliet u l-knisja li nbniet wara għandha altar iddedikat lill-Viżitazzjoni ta' Marija.

[17]V.P. 1636

[18]V.P. 1685-87.